MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2004

Numru. 1058/2002

PULIZIJA
SPETTUR CHRSTOPHER PULLICINO
VS
GARRY WINGFIELD

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Garry Wingfield ta' 21 sena bin Alfred u June nee Patterson, imwieled l-Ingilterra fs-17 ta' Awissu 1980 u joqghod 157/2 Anne Marie, Triq Sir Luigi Preziosi, Bugibba ID No 17914A talli fit-12 t'Awssu 2002 f'San Pawl l-Bahar ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn vettura ta' ghamla Mazda b'numru ta' registrazzjoni TFA 214 liema serq huwa kkwalifikat bn-natura tal-oggett misruq u sar ghad-detriment ta' Frank Cini minn Ghawdex.

Talli kiser l-provedimenti tal-artiklu 5 tal-kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza datata 7 ta' Dicembru 2000fejn hu kien misjub hati ta' reat u liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Semghet il-provi bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-verbal tal-9 ta' April 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u rat Art 261, 271(g), 280, 279 tal-kap 9, Art 23 tal-kap 446.

Din il-Qorti rat kif ghamlet sabiex l-imputat fil-mori ta' din il-kawza, jidhol fi programm residenzjali kontra r-riabilitazzjoni tad-Drogi u alkohol li tant ghandu bzonn l-imputat.

Tul il-programm l-imputat ma felahx ghalih tant illi kellu jigi rikoverat l-isptar Monte Carmeli ghal perjodu sostanzjali u wara dan il-perjodu li qatta f'Monte Carmeli, l-imputat ma baqax jsegwi dan il-programm ta' riabilitazzjoni.

Illi din il-Qorti tinstab prreokkupata immens il-ghaliex l-imputat jidher li m'ghandux dik il-volonta jew kuragg jew perseveranza biex jiffinalizza il-programm li tant hu mehtieg u din il-Qorti wisq tibza illi l-imputat ser jispicca vittma ta' overdose.

Din il-Qorti rat wkoll u apprezzat wkoll illi l-imputat ghadda minn hafna inkwiet u tigrib fi hdan il-familja tieghu, li zaghzugh tal-eta tieghu mhux soltu jigi rinfaccat bih. Dan l-istat ta' fatt ikkontribwixxa hafna ghal istat dipressiv u ghad-djufija tar-rieda tal-istess imputat.

Illi in oltre l-imputat ghandu relazzjoni ma tfajla li minnha ghandu tarbija ckejkna u li ghalhekk l-imputat jehtieglu jassumi responsabbilitajiet ghal dak li ghamel, jiehu

responsabbilita sabiex jfittex ibiddel l-istil tal-hajja tieghu sabiex jkun jista jhares il-quddiem u jerfa il-piz tal-familja gdida tieghu illi jidher li tant ihobb.

Illi din il-Qorti b'riluttanza kbira tinstab kostretta f'dawn ic-cirkostanzi kollha li tasal ghal konkluzzjoni li l-uniku mezz possibbli ghall-imputat huwa illi dan jaghmel programm ta' riabilitazzjoni kontra id-droga u l-alkohol minn hdan il-Habs u minhabba li jidher illi ma hemm ebda alternattiva vijabbli, il-Qorti hi kostretta li tikkundanna lill-imputat perjodu ta' tmintax il-xahar prigunerija u tirrakomanda bil-qawwa lill-awtorijietajiet tal-Facilita Korrettiva tal-Habs li l-imputat jibda mill-aktar fiss programm ta' riabilitazzjoni kontra id-droga u li waqt il-perjodu ta' disintoksifikazzjoni kontra id-droga jew l-alkohol jekk dan jkun mehtieg, l-imputat jigi rikoverat fl-isptar Monte Carmeli.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------